# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA
# (SEDE KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMĦALLEF**
**ROBERT G. MANGION**

**ILLUM L-20 TA' MEJJU 2019**

**Kawza Numru:2**

**Rik. Gur. 21/2018 RGM**

**Akrami Fadl Alla Ebdel Aziz Mobarak (K.I. 22147A)**
**u Fakak Bouchra (K.I. 0569312L)**

**vs.**

**(1) Avukat Generali, (2) Id-Direttur Generali fid-Dipartiment tac-Cittadinanza u tal-Espatrijati, (3) Il-Kummissarju tal-Pulizija u (4) Ir-Registratur taz-Zwieg**

**Il-Qorti:**

Rat ir-**rikors guramentat ta' Ekrami Fadl Alla Ebdel Aziz Mobarak u Fakak Bouchra** pprezentat fis-6 ta' Marzu, 2018 li permezz tiegħu ippremettew u talbu is-segwenti:

1. Illi l-esponenti ilhom jgħixu Malta għal diversi snin tant li l-esponenti Fakak, minkejja li kienet imwielda l-Marokk, illum il-ġurnata hija meqjusa ċittadina Maltija. Min-naħa l-oħra, l-esponenti Mobarak saħansitra kien preċedentement ikkontratta ż-żwieġ ma' persuna ta' nazzjonalita' Maltija oħra, ċertu Romina Grima KI 89181M, lura għad-29 ta' Lulju, 1999 u konsegwentement wara li dan iż-żwieġ tkisser irrimedjabbilment, huma sseparaw bonarjament lura għat-22 ta' Mejju 2003 fl-atti tan-Nutar Dr Peter Fleri Soler. Sussegwentement il-partijiet kienu ottjenew id-divorzju fis-sena 2017.

2. Illi ftit wara li l-esponenti Mobarak kien issepara personalment minn ma' martu, huwa kien iltaqgħa ma' l-esponenti Fakak u minn hemm huma bdew relazzjoni personali bejniethom.

3. Illi l-esponenti dejjem ibbaża ħajtu ġewwa Malta tant li ġie reġistrat skond kif jitlob l-Artiklu 11 ta' l-Att tal-1998 dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud għall-finijiet u l-effetti kollha tiegħu. (Dokument hawn aness u mmarkat EM 1)

4. Illi fil-frattemp, l-istess esponenti ġie akkużat, misjub ħati u kkundannat għal sentenza ta' priġunerija effettiva, liema sentenza wasslet lil *Principal Immigration Officer* fi ħdan il-Korp tal-Pulizija sabiex b'deċiżjoni ta' l-14 ta' Awwissu 2015 jiġi prekluż milli jibqgħa jabita ġewwa Malta (Dokument hawn aness u mmarkat EM 2).

5. Illi minkejja din il-kundanna, l-esponenti Mobarak dejjem kien imfakkar għall-ħidma siewja tiegħu li wettaq ġewwa l-ħabs u dan saħansitra anki kif jidher f'ittra mibgħuta personalment lilu mill-Onorevoli Ministru għall-Affarijiet Interni u Sigurta' Nazzjonali (Dokument hawn anness u mmarkat EM 3).

6. Illi d-deċiżjoni tal-*Principal Immigration Officer* ġiet appellata quddiem il-Bord ta' l-Appelli dwar ir-Refuġjati, liema bord kien ċaħad l-istess permezz ta' deċiżjoni datata 28 ta' Novembru 2016. (Dokument hawn anness u mmarkat bħala EM 4). Din ta' l-aħħar ġiet sottomessa għal skrutinju ġudizzjarju, liema proċeduri għadhom pendenti.

7. Illi l-esponenti ilhom snin twal jgħixu flimkien u jixtiequ jistabilixxu familja ġewwa Malta, u dan billi huma jiżżewġu u iktar u iktar importanti li l-esponenti Mobarak ma jiġix deportat lura pajjiżu.

8. Illi minkejja dan kollu u minkejja d-diversi tentattivi tagħhom sabiex huma jingħaqdu fiż-żwieġ, l-esponenti ġew preklużi milli jagħmlu dan u dan meta r-Reġistratur taż-Żwieġ irrifjuta li jniehed il-proċeduri u t-tnehdijiet sabiex l-istess esponenti jiżżewġu.

9. Iktar minn hekk, l-eventwali deportazzjoni ta' l-istess Mobarak ser tirriżulta fil-fatt li l-esponenti mhux ser ikollhom opportunita' li huma jistabilixxu familja flimkien u wisq inqas jgħixu flimkien.

10.Illi dan ir-rifjut da parti ta' l-intimati kemm minħabba l-eventwali deportazzjoni, kif ukoll il-projbizzjoni li l-esponenti jiżżewġu qieghed manifestament jilledilhom jew minn minnhom d-drittijiet fundamentali taghhom illi jifformaw familja flimkien u huwa ksur lampanti tal-provvedimenti kemm tal-Kostituzzjoni ta' Malta ghal dak li ghandu x'jaqsam id-drittijiet tal-bniedem kif ukoll il-Konvenzzjoni Ewropeja u senjatament id-drittijiet tagħhom li jifformaw familja, tant li l-esponenti

għandhom ikunu huma nfushom li jagħżlu ma' min jagħmlu familja u certament mhux l-intimati jew min minnhom b'mod partikolari jilledu d-drittijiet protetti u garantiti fl-Artikoli 8 u 12 tal-istess Konvenzjoni;

11.Illi skont diversi sentenzi moghtija mill-Qorti Ewropeja tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem u minn dawn qed jissemmew biss tnejn u cioe Johnston vs Ireland A112 (1986) u il-kawza fl-ismijiet XLY vs Netherlands A91 (1985) kien gie ddikjarat illi cittadin tal-Unjoni Ewropeja ghandu dritt fundamentali li jizzewweg il-persuna li jixtieq tkun minn tkun bil-problemi kollha li ghandha u jista' jkollha in kwantu ghandix dritt tirrisjedi jew le f'pajjiz membru tal-istess Unjoni billi d-dritt fundamentali li cittadin tal-Unjoni Ewropeja ghandu biex ikollu l-familja u allura jizzewweg lill-persuna tal-ghazla tieghu u li jrid jizzewweg maghha huwa dritt ta' dik il-persuna u forsi mhux ukoll id-dritt tal-persuna extra kommunitarja li jista' jkollha problema jekk ghandix jew le dritt ta' residenza f'pajjiz membru tal-Unjoni;

12.Anke il-Qrati Maltin Sede Kostituzzjonali kellhom l-opportunita jidhlu f'meritu simili ghal dak tal-kaz in ezami u partikolarment fis-sentenza erudita moghtija mill-Onor. Imhallef Dr. Mark Chetcuti fit-23 ta' Frar 2012 fil-kawza fl-ismijiet Claudine Desira u Moamar Ali Aled Eltarhuni fejn gie spjegat fid-dettal ir-retro xena tad-definizzjoni ta' family life u kif din giet definita maz-zmien u skont diversi sentenzi moghtija minn Qrati barranin u in partikolari mill-Qorti Ewropeja ghad-drittijiet fundamentali tal-bniedem u fejn gew ukoll ikwotati diversi awturi sabiex it-talba li qed isir permezz ta' dan ir-rikors issib ukoll soljev fid-decizjonijiet tal-Qrati taghna. Ghalkemm din is-sentenza inqalbet mill-Qorti tal-Appell bis-sentenza taghha tad-9 ta'Novembru 2012 is-sentenza inqalbet biss fuq punt preliminari u cioe' li l-atturi Desira u Moamar Ali ma' kienux fittxew rimedju ordinarju li setghu iffitxu qabel ma' ntavolaw il-kawza Kostituzzjonali b'dan illi l-Qorti bl-ebda mod ma' dahlet fil-mertu tad-decide tas-sentenza moghtija

mill-Qorti tal-Prim'Istanza u kwindi ghandu jsegwi illi s-sejba da parti tal-Qorti tal-Prim'Istanza Sede Kostituzzjonali ma' gew bl-ebda mod mittifsa u kwindi ghandhom japplikaw.

Għaldaqstant, l-esponenti jitolbu għar-raġunijiet premessi, lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-fatti fuq esposti partikolarment id-deċiżjoni li l-esponenti Mobarak jiġi deportat lura l-pajjiż fejn ġie mwieled u dan minkejja l-biża' reali li teżisti li l-istess ser jiġi espost għall-attakki terroristiċi, kif ukoll li r-rifjut da parti tal-intimati jew min minnhom li l-esponenti jiġu preklużi milli jikkontrattaw żwieġ bejniethom jivvjola b'mod manifest u jikkostitwixxi ksur tad-dritt fundamentali taghhom jew min minnhom tal-familja kif sancit fl-Artikolu 8 kif ukoll l-Artikolu 12 tal-Konvenzjoni Ewropeja maghmulha parti mil-Ligi ta' Malta bis-sahha tal-att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Konsegwentement taghti dik l-ordni jew ordnijiet, direzzjoni jew direzzjonijiet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq jew tizgura t-twettiq tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti hekk kif garantiti taht il-Konvenzzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, fost affarijiet ohra billi taghti dawk l-ordnijiet neccessarji sabiex tizgura illi l-esponenti Mobarak ma jiġix deportat lura lejn il-pajjiż li fih ġie mwieled filwaqt li l-esponenti jkunu jistghu jikkoncelebraw iż-żwieg ta' bejniethom kif ukoll li tikkumpensahom jew min minnhom ghall-ksur tad-drittijiet fundamentali taghhom u dana taht kull provvediment li din l-Onorabbli Qorti jidhrilHa xieraq u opportun fic-cirkostanzi.

Bl-ispejjeż.

Rat **ir-risposta guramentata tal-Avukat Generali, tad-Direttur tad-Diipartiment tac-Cittadinanza u Expatriates, tal-Kummissarju tal-Pulizija u tar-Registratur taz-Zwieg** pprezentata s-6 t'April, 2018 fejn jinghad kif gej:

Illi l-lanjanza tar-rikorrenti hija fis-sens illi r-rifjut da parti tar-Registratur taz-Zwieg biex huma jinghaqdu fiz-zwieg "*kemm minhabba l-eventwali deportazzjoni, kif ukoll il-projbizzjoni li l-esponenti jizzewgu qieghed manifestament jilledilhom jew minn minnhom d-drittijiet fundamentali taghhom illi jifformaw familja flimkien u huwa ksur lampanti tal-provvedimenti kemm tal-Kostituzzjoni ta' Malta ghal dak li ghandu x'jaqsam id-drittijiet tal-bniedem kif ukoll il-Konvenzjoni Ewropeja u senjatament id-drittijiet taghhom li jifformaw familja, tant li l-esponenti ghandhom ikunu huma nfushom li jaghzlu ma' min jaghmlu familja u certament mhux l-intimati jew min minnhom b'mod partikolari jilledu d-drittijiet protetti u garantiti fl-Artikoli 8 u 12 tal-istess Konvenzjoni".*

Illi l-esponenti jikkontestaw l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti stante li huma kollha nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti:

1. Illi in linea preliminari, l-Avukat Generali, id-Direttur Generali fid-Dipartiment tac-Cittadinanza u l-Espatrijati u l-Kummissarju tal-Pulizija mhumiex il-legittimi kontraditturi ai termini tal-Artikolu 181B tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) u dan peress li l-hrug ta' tnidijiet taz-zwieg ma jaqawx fil-mansjoni ta' l-ebda wiehed mill-esponenti u ghalhekk kemm l-Avukat Generali, kemm id-Direttur tad-Dipartiment tac-Cittadinanza u l-Expatriates u l-Kummissarju tal-Pulizija ghandhom jigu mehlusa mill-osservanza tal-gudizzju;

2. Illi in linea preliminari, ir-rikorrenti qeghdin jabbuzaw mill-process kostituzzjonali stante illi qeghdin jadoperaw procedura straordinarja bhal ma hija l-procedura odjerna meta kellhom a disposizzjoni taghhom rimedji ordinarji sabiex iharsu d-drittijiet pretizi minnhom. Illi f'kaz ta' rifjut tal-hrug tat-tnidijiet da parti tar-Registratur taz-Zwigijiet, tiskatta l-possibilita' ta' l-azzjoni kontemplata permezz tal-Artikolu 8 (2) tal-Att dwar iz-Zwieg (Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta) kif ukoll ir-rimedju generali fil-forma ta' azzjoni ta' stharrig gudizzjarju ai termini ta' l-Artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi ghal dak li jirrigwarda d-deportazzjoni tar-rikorrenti, jidher li r-rikorrenti bhalissa qieghed jinqeda bir-rimedju ordinarju disponibbli ghalih u dan stante li appella quddiem il-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni mill-ordni ta' ritorn li nharget fil-konfront tieghu liema appell ghadu pendenti quddiem l-istess Bord. F'dan ir-rigward l-esponenti ghalhekk jecepixxu n-nuqqas ta' ezawriment tar-rimedji ordinarji da parti tar-rikorrenti u l-esponenti jistiednu lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tiddeklina milli tezercita l-gurisdizzjoni konvenzjonali taghha ai termini tal-proviso ghall-Artikolu 4 (2) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja (Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta);

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu, it-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li ma hemm l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti. Illi r-rikorrenti Ekrami Fadl Alla Ebdel Aziz Mobarak huwa meqjus bhala immigrant ipprojbit ai termini tal-Artikolu 5 (2) (d) tal-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap. 217 tal-Ligijiet ta' Malta) u dan peress li l-presenza tieghu f'Malta hija wahda totalment illegali gialadarba kien misjub hati minn Qorti Kriminali dwar reati relatati mad-droga u kkundannat b'sentenza ta' prigunerija ta' aktar minn sena. Illi l-istess rikorrenti permezz ta' sentenza tal-Qorti Kriminali moghtija fis-26 ta' Novembru 2007 fl-ismijiet "*Ir-Repubblika ta' Malta vs Ekramy Fadl Alla Abdel Aziz Mobarak*" kien instab hati tal-akkuzi migjuba in konfront tieghu u dan

wara li kien inqabad fil-pussess ta' kwazi erbatax-il kilo u nofs raza tal-cannabis li kienu mohbija f'karozza misjuqa minnu u kien ikkundannat ghall-piena ta' tnax-il sena prigunerija kif ukoll ghall-hlas ta' multa ta' hmistax-il elf Lira Maltin (circa EUR 34, 950) konvertibbli fi tmintax-il xahar prigunerija f'kaz li l-multa ma tithallasx. Illi sussegwentement ir-rikorrenti applikka sabiex jinghata stat ta' azil f'Malta izda talba giet michuda kemm mill-Kummissarju tar-Rifugjati kif ukoll mill-Bord tal-Appelli dwar ir-Rifugjati (kopja tad-decizjoni giet prezentata mar-rikors promotur bhala 'Dok. EM 4");

4. Illi in kwantu ghal allegat ksur tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni, l-esponenti jissottomettu li ma hemm l-ebda ksur ta' dan l-artikolu u dan stante illi:

(a) Huwa dubjuz ferm kemm dan l-artikolu japplika ghall-kaz in kwistjoni peress li r-rikorrenti mhumiex mizzewgin u ma ghandhom l-ebda rabtiet familjari ohra f'Malta;

(b) Minghajr pregudizzju ghal dan, l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja jipprovdi ghall-obbligu tal-Istat li jirrispetta l-hajja familjari ta' persuna. Pero' dan l-artikolu ma jaghti l-ebda dritt lil xi persuna li tghix jew li twaqqaf familja f'xi pajjiz partikolari;

(c) Illi s-subartikolu (2) tal-Artikolu8 jaghti dritt lill-Istat li jillimita dan id-dritt minhabba ragunijiet ta' interess nazzjonali. Certament li l-koncessjoni lil persuna originarja minn pajjiz terz sabiex tghix u toqghod f'Malta hija materja ta' interess nazzjonali;

5. Illi in kwantu r-rikorrenti qeghdin jallegaw ksur tal-Artikolu 12 tal-Konvenzjoni Ewropeja, l-esponenti jissottomettu li lanqas fil-kuntest tal-Artikolu 12 tal-Konvenzjoni Ewropeja ma jirrizulta ksur u dan peress illi:

6. dan l-artikolu jaghti d-dritt li persuna tizzewweg, u mhux li tizzewweg f'post partikolari. Illi ma jidher li hemm l-ebda raguni ghaliex ir-rikorrenti ma jistghux jizzewgu fil-pajjiz ta' origini taghhom jew addirittura permezz tal-prokura;

7. id-dritt imsemmi f'dan l-artikolu jrid ikun mhaddem skont il-ligi fejn ikun sejjer jigi celebrat iz-zwieg u ghalhekk m'hemm xejn irregolari jekk Stat partikolari jimponi certi rekwiziti biex ikun jista' jsir zwieg f'dak il-pajjiz.

8. Illi ghal dak li jirrigwarda r-referenza li ghaliha jaghmlu r-rikorrenti ghas-sentenza moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali fid-9 ta' Novembru 2012 fl-ismijiet "Claudine Desira et vs Direttur tar-Registru Pubbliku et", l-esponenti jissottomettu li s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali giet ikkonfermata mill-Qorti Ewropeja fid-decizjoni taghha fl-ismijiet "Claudine Desira and Moamar Ali Melad Eltarhuni v. Malta" (applikazzjoni numru 30623/13) deciza fis-6 ta' Dicembru 2016 fejn fil-paragrafu 39 il-Qorti Ewropeja osservat illi "*39. Given the above, the Court finds no reason to disturb the findings of the Constitutional Court that the applicants failed to exhaust ordinary remedies (see paragraph 20 above). It further notes that the ordinary civil remedy is still available to the applicants, and that if they were to be unsuccessful they could again institute proceedings before the constitutional jurisdictions".*

9. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

10. Bl-ispejjez.

Rat l-atti tal-kawza;

Rat l-affidavit tar-rikorrent Mobarak u semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza dwar l-ewwel zewg eccezzjonijiet preliminari sollevati mill-konvenuti.

Ikkunsidrat

**L-ewwel eccezzjoni**

Illi l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti tirrigwarda min minnhom ghandu *locus standi* f'dawn il-proceduri. Qieghed jinghad li l-Avukat Generali, id-Direttur Generali fid-Dipartiment tac-Cittadinanza u l-Espratrijati u l-Kummissarju tal-Pulizija m'humiex legittimi kontradittturi u dan ai termini tal-Artikolu 181B tal-Kapitolu 12.

Illi l-Artikolu 181B (2) jipprovdi li '(2) L-Avukat Ġenerali jirrappreżenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet ġudizzjarji li minħabba n-natura tat-talba ma jkunux jistgħu jiġu diretti kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-oħra tal-Gvern.' Mill-qari ta' dan l-artikolu jirrizulta car li l-ghan tieghu huwa li fi proceduri gudizzjarji l-Gvern ikun rapprezentat mill-Kap tad-Dipartiment involut, u fejn tali rapprezentazzjoni mhux possibbli minhabba n-natura tat-talba, allura huwa l-Avukat Generali li ghandu jidher ghal u jgawdi rapprezentanza residwa ta' l-istess Gvern.

Illi sabiex il-Qorti tkun tista tasal ghad-decizjoni taghha fir-rigward ta' min ghandu *locus standi* jehtieg li primarjament tirreferri ghat-talbiet tar-rikorrenti. Fil-kaz de quo ir-rikorrenti qed jitolbu dikjarazzjoni u decizjoni li d-decizjoni ta' deportazzjoni ser tesponi lir-rikorrent Mobarak ghal attakki terroristici u li r-rikorrenti qeghdin jigu prekluzi

milli jikkontrattw zwieg bejniethom u talbu wkoll lil din il-Qorti tati dawk id-direttivi, ordnijiet, direzzjonijiet xierqa.

- *Locus standi tal-Avukat Generali*

Illi huwa car li f'dawn it-talbiet ma jirrizultax li r-rikorrenti qeghdin jattakaw xi ligi bhala anti-kostituzzjonali jew altrimenti xi decizjoni li ha l-Avukat Generali stess. Gialadarba l-interess tal-Gvern f'dawn il-proceduri huma salvagwardati b'kapijiet ohra, ma kienx jehtieg li l-Avukat Generali jigi mharrek bhala parti f'din il-procedura izda kellu jigi biss notifikat bl-atti ai termini tal-Artikolu 181B (3) tal-Kapitolu 12. Tal-istess fehma kienet din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta fil-kawza fl-ismijiet **Vica Limited vs Il-Kummissarju ta' l-Artijiet et** deciza fis-27 ta' Jannar 2009:

L-eccezzjoni preliminari ta' l-Avukat Generali hija li mhux il-legittimu kontradittur f'din il-kawza stante li hu ma jaghti ebda kumpens meta art tkun esproprjata ghal skop pubbliku u stante wkoll dak li jipprovdi l-Artikolu 181B tal-Kodici ta' l-Organizzazzjoni u Procedura Civili li l-Avukat Generali jkun legittimu kontradittur biss meta minhabba n-natura tat-talba ma tkunx tista tigi indirizzata lejn hadd iehor. Fil-kaz odjern jidher li hemm hadd iehor li jista' jirrispondi u ghaldaqstant l-Avukat Generali ghandu jkun liberat mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez

[…]

Izda fl-istess hin jekk hemm persuna specifika mghobbija bir-responsabbilta` tal-haga ma jibqax aktar l-Avukat Generali izda jkun il-kap tad-dipartiment tal-Gvern inkarigat fil-materja in kwistjoni li jirrapprezenta fl-atti u l-azzjonijiet gudizzjarji. Fil-kaz in ezami huwa car u identifikabbli li l-azzjoni hija diretta mis-socjeta` rikorrenti kontra

l-Kummissarju ta' l-Artijiet u l-operat tieghu u ghalhekk il-Qorti ssib gustifikata l-eccezzjoni ta' l-Avukat Generali li f'dan il-kaz it-talba tista' tigi indirizzata lejn haddiehor biex jirrispondi ghat-talba tar-rikorrent.

Illi f'kuntest simili ghal dak trattat illum, wiehed jista' jirreferi wkoll ghas-segwenti gurisprudenza fejn fiha l-Avukat Generali gie liberat mill-osservanza tal-gudizzju: **Mary Green et vs. Avukat Generali et** (Rik Nru 16/2004) deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (sede Kostituzzjonali) fid-29 ta' Novembru 2006[1]; **Ramadan Wahba Mabrouk Loudy vs. L-Onorevoli Vici Prim Ministru** (Rik Nru 49/2007) deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-25 ta' Mejju 2012; **Fatiha Khallouf vs. Ministru tal-Affarijiet Barranin et** (Rik Nru 69/2011) deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-31 t'Ottubru 2014.

Applikata l-ġurisprudenza ċitata għall-kawża odjerna, il-Qorti qed tiddeċiedi illi f'dawn il-proceduri mhux mehtiega l-presenza tal-Avukat Ġenerali bhala intimat u għalhekk ma kellux jiddahhal f'dawn il-proceduri. Konsegwentement l-istess Avukat Generali ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

- *Locus standi tad-Direttur Generali fid-Dipartiment tac-Cittadinanza u l-Espatrjati u l-Kummissarju tal-Pulizija*

B'referenza ghal darb'ohra ghat-talbiet tar-rikorrenti aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tosserva li mill-atti jirrizulta li d-decizjoni tar-ritorn ittiehed solament mill-Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni li jaqa' taht ir-responsabbilita tal-Kummissarju tal-Pulizija u dan bis-setgha lilu moghti taht il-Kapitolu 217 (Att dwar l-Immigrazzjoni)[2]. In

[1] Ghalkemm gie intavolat appell li gie deciz mill-Qorti Kostituzzjonali fit-13 t'April 2007, ma sar l-ebda appell mill-eccezzjoni preliminari li l-Avukat Generali mhux legittimu kontradittur.

[2] Pagna 6 u 7 tal-process.

vista li l-ewwel parti tal-ewwel talba tar-rikorrenti hija marbuta propju fuq id-decizjoni ta' deportazzjoni ma jkunx ghaqli li jigi estromess minn dawn il-proceduri l-Kummissarju tal-Pulizija.

Illi min-naha l-ohra ma jirrizultax mill-atti li d-Direttur Generali fid-Dipartiment tac-Cittadinanza u tal-Espatrijati kellu xi involviment fid-decizjoni mehuda mill-Ufficcjal Principali tal-Immigrazzjoni. Lanqas ma hemm talba fil-konfront tal-istess konvenut li timpingi fuq ir-responsabbilitajiet ta' dak l-istess ufficcju. Ghalhekk l-istess Direttur Generali ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Għaldaqstant il-Qorti qed tilqa' parzjalment l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti fis-sens illi l-Avukat Generali u d-Direttur Generali fid-Dipartiment tac-Cittadinanza u tal-Espatrijati ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju, izda tichad dik il-parti tal-eċċezzjoni preliminari fejn qed jiġi eċċepit illi l-Kummissarju tal-Pulizija mhux il-legittimu kontradittur. B'dan ifisser li huma il-Kummissarju tal-Pulizija u r-Registratur taz-Zwieg li huma legittimi kontradittюri.

**It-tieni eccezzjoni**

Illi t-tieni eccezzjoni tal-konvenuti tirreferri ghall-fatt li r-rikorrenti ghandhom rimedju ordinarju li kellhom jirrikorru ghalih qabel jintavolaw proceduri kostituzzjonali, li huma proceduri ta' natura straordinarja. Ir-rimedju ordinarju huwa dak li wiehed isib fl-**Artikolu 8 (2) tal-Kapitolu 255 (Att dwar iz-Zwieg)** kif ukoll ir-rimedju generali fil-forma ta' stharrig gudizzjarju ai termini tal-**Artikolu 469A tal-Kapitolu 12.** Dan maghdud waqt it-trattazzjoni finali il-konvenuti enfasizaw is-sottomissjonijiet taghhom unikament fuq l-Artikolu 8 tal-Kapitolu 255.

Illi min-naha taghhom ir-rikorrenti jispjegaw li r-Registratur taz-Zwieg qatt ma ta' d-decizjoni tieghu li ma jinhargux it-tnidijiet bil-miktub u ghalhekk ir-rikorrenti fil-verita qatt ma kellhom decizjoni. B'dan ghalhekk huma ma setghux imorru quddiem il-Qorti tal-Gurisdizzjoni Volontarja sabiex jikkontestaw id-decizjoni, jekk kienet decizjoni wara kollox. Di piu, ir-rikorrenti jispjegaw li d-dritt taht l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni qieghed jigi lez ghat-tnejn li huma u mhux ghar-rikorrent Mobarak biss; ir-rikorrenti Bouchra ukoll qed tallega li qed tigi mċaħħda mid-dritt taghha li tizzewweg u tifforma l-familja taghha.

Illi l-**Artikolu 4 (2) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja (Kapitolu 319)**

(2) Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandu jkollha ġurisdizzjoni oriġinali li tisma' u tiddeċiedi kull talba magħmula minn xi persuna skont is-subartikolu (1), u tista' tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali li għat-tgawdija tagħhom tkun intitolata dik il-persuna:

Iżda l-qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont dan is-subartikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi liġi ordinarja oħra.

Illi d-diskrezzjoni li ghandha l-Qorti f'dan ir-rigward trid titwettaq b'mod korrett u fl-ahjar interess tal-amministrazzjoni tal-gustizzja sabiex persuna ma tkunx imcahda mir-rimedji li ghandha jedd tfittex taht il-Kostituzzjoni jew taht il-Konvenzjoni. In-nuqqas wahdu ta' tehid ta' mezzi ordinarji mir-rikorrenti m'huwiex raguni bizzejjed biex Qorti ta' xejra kostituzzjonali tiddeciedi li ma tuzax is-setghat taghha li tisma'

l-ilment, jekk jintwera li l-imsemmija mezzi ma kinux tajbin biex jaghtu rimedju shih lir-rikorrenti.

Id-diskrezzjoni li ghandha l-Qorti sabiex tisma’ o meno l-lanjanza kostituzzjonali trid titwettaq b’mod korrett u fl-ahjar interess tal-amministrazzjoni tal-gustizzja sabiex min-naha wahda, il-qrati ta’ indoli kostituzzjonali ma jkunux rinfaccjati b’kawzi li messhom jew setghu tressqu quddiem qrati ohrajn kompetenti jew li dwarhom messhom jew setghu jfittxu rimedji ohrajn effettivi, u min-naha l-ohra sabiex persuna ma tkunx imcahhda mir-rimedji li ghandha jedd tfittex taht il-Kostituzzjoni jew taht il-Konvenzjoni. Izda n-nuqqas wahdu ta’ tehid ta’ mezzi ordinarji mir-rikorrenti m’huwiex raguni bizzejjed biex Qorti ta’ xejra kostituzzjonali tiddeciedi li ma tuzax is-setghat taghha li tisma’ l-ilment, jekk jintwera li l-imsemmija mezzi ma kinux tajbin biex jaghtu rimedju shih lir-rikorrenti; izda meta jidher car li jezistu mezzi ordinarji disponibbli biex jikseb rimedju ghall-ilment taghhom, ir-rikorrenti ghandhom jirrikorru ghal dawk il-mezzi, qabel ma jirrikorru ghar-rimedju kostituzzjonali.

Il-principji applikabbli meta l-Qorti tigi biex tiddeciedi jekk ir-rikorrenti ghandhomx jew kellhomx ghad-dispozizzjoni taghhom rimedju ordinarju alternattiv u effettiv gew delineati mill-Qrati Maltin f’diversi sentenzi. Dan l-insenjament gie migbur b’mod komprensiv fis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tas-16 ta’ Jannar 2006 fl-ismijiet **Olena Tretyak v. Direttur tac-Cittadinanza u Expatriate Affairs** (Rik Nru 22/2005).

F’din is-sentenza insibu fost ohrajn is-segwenti principji:

(a) l-ezistenza ta’ rimedju iehor li ghandha tirrizulta bhala stat ta’ fatt attwali u objettiv;

(b) li dan ir-rimedju jkun accessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ksur lamentat;
(c) li biex rimedju jitqies effettiv m'hemmx ghalfejn li jintwera li dan se jaghti lir-rikorrent success garantit, imma jkun bizzejjed li jkun wiehed li jista' jigi segwit b'mod prattiku, effettiv u effikaci.

***Rimedju ordinarju: deportazzjoni tar-rikorrent Mobarak***

Fis-6 premessa tar-rikors promotur, ir-rikorrenti jippremettu li mid-decizjoni tal-Ufficcjal Principali tal-Immigrazzjoni sar appell quddiem il-Bord tal-Appelli dwar ir-Refugjati, liema appell gie michud u sussegwentament dan gie sottomess ghal skrutinju gudizzjarju, liema ghadu pendenti.

H ferm evidenti li r-rikorrent Mobarak kellu u ghandhu ghad-dispozizzjoni tieghu rimedju ordinarju, tant li ċaħda tat-talba għal istatus ta' refuġjat għda mhiex definittiva. Mis-sitt premessi tar-rikors promotur jirriżulta illi d-deċiżżjoni tal-Bord tal-Appelli dwar ir-Refugjali tat-28 ta' Novembru 2016 "...ġiet sottomessa għal skrutinju ġudizzjarju, liema proċeduri għadhom pendenti". . Mill-atti disponibbli lill-Qorti[3] jirrizulta fil-fatt li l-Appell li sar quddiem il-Bord tal-Appelli dwar ir-Refugjati jittratta l-allegazzjoni li r-ritorn lejn pajjizu kien ser jesponih ghal attakki terroristici, l-istess talba li saret quddiem din il-Qorti. Huwa ghalhekk li l-Qorti hija tal-fehma li r-rikorrenti ghandhom rimedju effettiv ghad-dispozizzjoni taghhom għaliex jekk l-iskrutinju ġudizzjarju jagħti raġun lir-rikorrent allura jingħata status ta' refuġjat.

***Rimedju ordinarju: hrug ta' tniddijiet***

[3] Pagna 10 et seq tal-process.

Il-konvenuti jeccepixxu li r-rikorrenti kellhom u ghad ghandhom ghad-dispozizzjoni taghhom ir-rimedju sancit taht l-**Artikolu 8 (2) tal-Kapitolu 255 (Att dwar iz-Zwieg**) li jipprovdi li

(2) F'kull każ bħal dan, kull waħda mill-persuni li tkun ser tiżżewweġ tista' tagħmel rikors fil-qorti kompetenti ta' ġurisdizzjoni volontarja sabiex jingħata ordni lir-Reġistratur biex jippubblika t-tnidijiet jew biex joħroġ ċertifikat tal-pubblikazzjoni tagħhom, skont il-każ, u l-qorti tista', wara li tkun semgħet lir-rikorrent u lir-Reġistratur, tagħti dawk l-ordnijiet li jidhrilha xierqa fiċ-ċirkostanzi, u r-Reġistratur għandu jimxi skont kull ordni bħal dak.

Ma' dan il-provvediment ghandha ssir ukoll referenza ghall-**Artikolu 35 tal-Kapitolu 12** li jipprovdi li ghalkemm m'hemmx appell minn digrieti tal-Qorti ta' gurisdizzjoni volontarja, il-parti "aggravata, tista' tagħmel kawża quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għall-provvediment meħtieġ."

Illi fil-kawza **Stacey Spiteri et vs Direttur tar-Registru Pubbliku** (Rik Nru 5/2011) ikkonfermata fis-27 t'April 2012, il-Qorti Kostituzzjonali ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet relevanti wkoll ghal kaz odjern:

Issa, f'dan il-kaz, din il-Qorti tara li r-rikorrenti kellhom rimedju ordinarju effettiv ghal-lanjanzi taghhom. Id-digrieti tal-Qorti Civili ta' Gurisdizzjoni Volontarja jistghu jigu attakkati b'rikors guramentat ordinarju quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili, u din ghandha s-setgha tikkonferma, tirrevoka jew timmodifika d-digrieti impunjati. Din mhijex xi procedura straordinarja; kienet issir fil-passat u ghadha ssir sal-lum (ara per ezempju l-kawza "Id-Direttur tar-Registru Pubbliku vs Cassar", deciza fil-21 ta' Mejju 2008). Dik hi procedura ordinarja u

normali u ma kien hemm xejn li zamm lir-rikorrenti milli hekk jipprocedu.[4]

Illi fil-kaz in ezami, din il-Qorti tara li r-rikorrenti kellhom rimedju ordinarju effettiv ghal-lanjanzi taghhom. Fl-ewwel lok ir-rikorrenti setghu facilment jaghmlu talba quddiem il-Qorti ta' gurisdizzjoni volontarja u jekk ihossuhom aggravati mid-digriet tal-Qorti Civili ta' Gurisdizzjoni Volontarja, huma setghu jikkontestawh b'rikors guramentat ordinarju quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili, liema Qorti ghandha s-setgha tikkonferma, tirrevoka jew timmodifika d-digriet impunjat. Din hija procedura ordinarja u ma kien hemm xejn li jzomm lir-rikorrenti milli hekk jipprocedu. F'dawk il-proceduri, il-qorti ordinarja tkun tista' tidhol biex tezamina l-fatti tal-kaz u tqis hi jekk ghandhomx jinhargu o meno t-tniddijiet sabiex ikunu jistghu jizzewgu. Mill-atti fil-fatt jirriżulta li r-rikorrenti mhux jikkontestaw illi minflok uzaw ir-rimedju ordinarju huma irrikorrew mill-ewwel quddiem il-Qorti ta' indoli Kostituzzjonali.

Gie ritenut fil-kawza **Stacey Spiteri et vs Direttur tar-Registru Pubbliku** succitata li

Din il-qorti [il-Qorti kostituzzjonali) m'hix "a trial court", u l-funzjoni taghha hu biex tara li jigu salvagwardati d-drittijiet fundamentali tal-bniedem u mhux li tisma' fatti u tiddeciedi favur xi parti wara analizi ta' dawk il-fatti. Dan ix-xoghol isir mill-qrati ordinarji, u hu lejn dawk il-qrati li r-rikorrenti kellhom iressqu l-aggravju taghhom. Hu car, ghalhekk, li jezistu mezzi ordinarji li kienu disponibbli biex ir-rikorrenti jiksbu rimedju ghall-ilment taghhom, u huwa biss wara li jkunu fittxu dawk il-mezzi li ghandu jintuza r-rimedju kostituzzjonali.

[4] Ara wkoll **Dr. Michael Shields et vs. Avukat Generali et** (Rik Nru 63/2014 AE) deciza mill-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fil-15 t'April 2015; **Claudine Desira et vs. Direttur tar-Registru Pubbliku** (Rik Nru 72/2010) deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fid-9 ta' Novembru 2012.

Fis-sentenza **Tereza Camilleri vs. Registratur taz-Zwigijiet** (Rik Nru 35/2007) deciza fis-6 t'April 2009 il-Qorti Kostituzzjonali rrilevat li:

"kull kawza kostituzzjonali ssir biex min jaghmilha jitlob rimedju effettiv ghall-ksur allegat – ksur li jista' jkun diga` avvera ruhu, jew li jkun qed isehh, jew li x'aktarx ikun ser isehh – u mhux semplicement biex ikollu dikjarazzjoni ta' ksur u jpoggiha fi gwarnic. Huwa minnu li f'certi cirkostanzi huwa possibbli li wiehed jirravviza s-semplici dikjarazzjoni li kien hemm lezjoni ta' dritt fondamentali bhala rimedju sufficjenti fil-kaz partikolari li jkun. Dan, pero`, certament ma hux il-kaz odjern. Infatti, it-talbiet tar-rikorrenti appellanti Tereza Camilleri, kif migjuba fir-rikors promotorju taghha tat-30 ta' Mejju 2007, huma principalment indirizzati biex hija tkun tista' tizzewweg. U dan huwa ir-rimedju veru f'dan il-kaz [...]"

Dan huwa applikabbli ghal kaz odjern stante li l-veru rimedju li qed jitolbu ir-rikorrenti fil-kawża odjerna huwa li jithallew jizzewgu. F'dan ir-rigward ghalhekk kif diga gie ritenut jirrizulta li r-rikorrenti kellhom mezz xieraq ta' rimedju ghall-ksur tad-dritt minnhom vantat fil-procedura traccjata fis-**subartikolu (2) tal-Artikolu 8 tal-Kapitolu 255**, liema rimedju huwa wiehed effettiv, accessibbli, kif ukoll effikaci.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:-

1. Tilqa' in parte l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti u tillibera lir-Registratur taz-Zwigijiet u lill-Avukat Generali mill-osservanza tal-gudizzju;

2. Tichad in parte l-ewwel eccezzjoni fil-konfront tal-Kummissarju tal-Pulizija;

3. Tilqa' t-tieni eccezzjoni, tiddikjara in-nuqqas ta' ezawriment tar-rimedji ordinarji da parti tar-rikorrenti u konsegwentment, ai termini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 4 tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta, qed tiddeklina milli tezercita is-setghat taghha stante li r-rikorrenti kellhom mezz xieraq ta' rimedju taht ligi ordinarja.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Moqrija.

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imhallef**

**Lydia Ellul**
**Deputat Registratur**